

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/62/KE

tas-27 ta' Settembru 1996

dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti

(ĠU L 296 , 21.11.1996, p. 55)

Emendata minn:

	Ġurnal Uffiċjali		
	Nru	Paġna	Data
► M1 Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003	L 284	1	31.10.2003



ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/62/KE

tas-27 ta' Settembru 1996

dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s (1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Waq t li kien jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189ċ tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi l-ħames programm ta' azzjoni ta' l-1992 dwar l-ambjent, li l-approċ ġenerali tiegħu ġie endorsjat mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, fir-risoluzzjoni tagħhom 93/C 138/01 ta' l-1 Frar 1993 ⁽⁴⁾, taħseb għal emendi fil-leġislazzjoni eżistenti dwar l-inkwinanti ta' l-arja; billi l-imsemmi programm jirrakkomanda t-twaqqif ta' għanijiet fuq medda twila dwar il-kwalità ta' l-arja.

Billi, biex jitħares l-ambjent fl-intier tiegħu u s-saħħa tal-bniedem, konċentrazzjonijiet ta' inkwinanti ta' l-arja għandhom jiġu evitati, ipprojbiti jew imnaqqsa u valuri limitu u/jew għetiebi ta' twissija għandhom jinħolqu għal-livelli ta' tniġġis ta' l-arja ċirkostanti;

Billi, biex jitqiesu l-mekkaniżmi speċifiċi tal-formazzjoni ta' l-ożonu, dawn il-valuri limitu u dawn l-għetiebi ta' twissija jistgħu jeħtieġu li jkunu komplimentati jew sostitwiti b'valuri ta' mira.

Billi l-valuri numeriċi tal-valuri limitu, il-limitu tat-twissija u, għar-rigward ta' l-ożonu, il-valuri tal-mira u/jew il-valuri limitu u l-l-limitu tat-twissija għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tax-xogħol li jkun sar mill-gruppi xjentifiċi internazzjonali attivi f'dan il-qasam;

Billi l-Kummissjoni għandha tagħmel studji biex tanalizza l-effetti ta' l-azzjoni magħquda tad-diversi inkwinanti jew sorsi ta' inkwinament u l-effett tal-klima fuq l-attività tad-diversi inkwinanti eżaminati fil-kuntest ta' din id-Direttiva;

Billi l-kwalità ta' l-arja ċirkostanti teħtieġ li tiġi mistħarrġa ma' valuri limitu u/jew l-għetiebi ta' twissija, u, għar-rigward ta' l-ożonu, il-valuri tal-mira u/jew il-valuri limitu waqt li jitqies id-daqs tal-popolazzjoni u l-ekosistemi esposti għat-tniġġis ta' l-arja, kif ukoll l-ambjent;

Billi, biex l-istħarriġ tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti bbażat fuq il-kejl magħmul mill-Istati Membri jkun komparabbli, il-lokalità u l-għadd ta' postijiet fejn isir it-teħid tal-kampjuni u l-metodi tar-referenza tal-qies użat għandhom jiġu speċifikati meta l-valuri jiġu kkalibrati għal-limitu ta' twissija, il-valuri limitu u l-valuri tal-mira.

Billi, biex wieħed jikkonċedi għall-użu ta' tekniki oħra ta' stħarriġ tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti minbarra l-qies dirett, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati l-kriterji ta' l-użu u l-eżattezza meħtieġa ta' dawn it-tekniki;

Billi l-miżuri ġenerali stabbiliti taħt din id-Direttiva għandhom jiġu miżjuda minn oħrajn li jkunu speċifiċi għas-sostanzi individwali koperti;

Billi dawn il-miżuri speċifiċi jeħtieġ li jiġu adottati malajr kemm jista' jkun biex jintlaħqu l-għanijiet globali ta' din id-Direttiva;

Billi d-*data* preliminari rappreżentattiva dwar il-livelli ta' inkwinanti għandha tinġabar;

⁽¹⁾ ĠU C 216, tas-6.8.1994, p. 4.

⁽²⁾ ĠU C 110, 2. tal-5. 1995, p. 5.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 Novembru 1996 (ĠU C 166, tas-16.7.1996, p. 173), Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-14 April 1997 (ĠU C 59, tat-30.2.1997, p. 24) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 Mejju 1997 (ĠU C 166, tas-16.6.1997).

⁽⁴⁾ ĠU C 138, 17. tal-5. 1993, p. 1.

▼B

Billi, biex jitħares l-ambjent fl-intier tiegħu u s-saħħa tal-bniedem, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jieħdu azzjoni meta l-valuri limiti jinqabżu biex ikun hemm konformità ma' dawn il-valuri fiż-żmien stipulat;

Billi l-miżuri meħuda mill-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtiġiet stabiliti mir-regolamenti rigward l-operat ta' l-istallazzjonijiet industrijali b'konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-prevenzjoni integrata u t-tnaqqis tat-tniġġis meta din il-leġislazzjoni tkun tgħodd;

Billi, minħabba li dawn l-azzjonijiet jeħtieġu ż-żmien biex jiġu implimentati u jsiru effettivi, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jsir margġini temporanju ta' tolleranza tal-valur limiti,

Billi jistgħu jeżistu żoni fl-Istati Membri fejn il-livelli tat-tniġġis ikunu akbar mill-valuri limiti iżda fil-margġini permess tat-tolleranza; billi l-valur limitu għandu jiġi obdut fiż-żmien stipulat;

Billi l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar jekk il-livell jiskorri, jew ikunx aktarx sa jiskorri, il-valur limitu biż-żieda tal-margġini tat-tolleranza jew, kif jista' jkun il-każ, l-għatba ta'twissija, wara tniġġis qawwi li jkun ġej minn Stat Membru ieħor.

Billi l-iffissar ta' għetiebi ta' twissija li fihom miżuri ta' prekawzjoni għandhom jittieħdu jagħmilha possibli li jiġi limitat l-impatt ta' episodji ta' tniġġis fuq is-saħħa tal-bniedem;

Billi f'żoni u f'agglomerazzjonijiet fejn il-livelli ta' tniġġis ikunu taħt il-valuri limiti, l-Istati Membri għandhom jistinkaw biex iżommu l-aħjar kwalità ta' arja ċirkostanti kompatibbli ma' żvilupp sostenibbli;

Billi, biex jiġi faċilitat l-immaniġġar u l-ipparagunar tad-*data* riċevuta, *data* ta' din ix-xorta għandha tingħata lill-Kummissjoni fsura standardizzata;

Billi l-implimentazzjoni ta' politika wiesa' u komprensiva għall-istima u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti għandha tkun ibbażata fuq pedamenti tekniki u xjentifiċi sodi u fuq skambju permanenti ta' opinjonijiet bejn l-Istati Membri;

Billi huwa meħtieġ li jiġi evitat awment bla bżonn fl-ammont ta' l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri; billi l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skond l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva hija meħtieġa għall-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent (EEA) u għalhekk tista' tintbagħat lilha mill-Kummissjoni;

Billi l-adattament tal-kriterji u t-tekniki użati għall-istima tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti għall-progress xjentifiku u tekniku u l-arranġamenti meħtieġa biex tiġi skambjata l-informazzjoni li għandha tingħata skond din id-Direttiva jistgħu jkunu ta' min jixtieqhom; billi, biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tax-xogħol neċessarju għal dan l-iskop, għandha titwaqqaf proċedura biex tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan kumitat;

Billi, biex tippromwovi l-iskambju reċiproku ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-EEA, il-Kummissjoni, bl-għajjuna ta' l-EEA, għandha tippubblika rapport dwar il-kwalità ta' l-arja ċirkostanti fil-Komunità ta' kull tliet snin;

Billi s-sostanzi diġà koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 80/779 (KEE) tal-15 ta' Lulju 1980 dwar il-valuri limiti u l-valuri gwida tal-kwalità ta' l-arja għad-diossidu tal-kubrit u l-partikolati ta' l-arja ⁽¹⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 82/844/KEE tat-3 Diċembru 1982 fuq il-valur limitu għaċ-ċomb fl-arja ⁽²⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 85/203/KEE tas-7 ta' Marzu 1985 dwar l-*standards* tal-kwalità ta' l-arja għad-diossidu tan-nitroġenu ⁽³⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 92/72/KEE tal-21 ta' Settembru 1992 dwar it-tniġġis ta' l-arja permezz ta' l-ożonu ⁽⁴⁾ għandhom jiġu ttrattati primarjament,

(1) ĠU L 229, tal-21.8.1980, p. 30. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, ta' 1-4.12.1991, p. 30).

(2) ĠU L 378, tal-31.12.1982, p. 15, Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/692/KEE.

(3) ĠU L 87, tas-27.3.1985, p. 1, Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/692/KEE.

(4) ĠU L 297, tas-6.10.1992, p. 1.



ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għanijiet

L-iskop ġenerali ta' din id-Direttiva huwa dak li jiddefinixxi l-prinċipji bażiċi ta' strateġija komuni li:

- tiddefinixxi u twaqqaf għanijiet għall-kwalità ta' l-arja ċirkostanti fil-Komunità maħsuba biex jevitaw, jipprevnu u jnaqqsu effetti ta' ħsara għas-saħħa umana u għal-ambjent kollu kemm hu,
- jagħmlu stima tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti fuq il-bażi tal-metodi u l-kriterji komuni,
- jiksbu biżżejjed informazzjoni fuq il-kwalità ta' l-arja ċirkostanti u jiżguraw li din tkun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku inter alia permezz ta' għetiebi
- jikkonservaw il-kwalità ta' l-arja ċirkostanti meta din tkun tajba u jtejbuha f'każi oħra;

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1. "arja ċirkostanti" għandha tfisser l-arja ta' barra fit-troposfera, minbarra fil-postijiet tax-xogħol;
2. "inkwinant" għandha tfisser kwalunkwe sustanza introdotta direttament jew indirettament mill-bniedem fl-arja ċirkostanti u li x'aktarx ikollha effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew fuq l-ambjent kollu kemm hu;
3. "livell" għandha tfisser il-konċentrazzjoni ta' inkwinant fl-arja ċirkostanti jew it-tqegħid tiegħu fuq superfiċji matul ċertu żmien;
4. "stima" għandha tfisser kwalunkwe metodu użat biex ikejjel, jikkalkula, ibassar jew jistma l-livell ta' inkwinant fl-arja ċirkostanti;
5. "valur limitu" għandha tfisser livell iffissat fuq bażi ta' għarfien xjentifiku, bl-iskop li jiġu evitati, prevenuti u mnaqqsa l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew fuq l-ambjent kollu kemm hu, li għandu jintlaħaq f'ċertu żmien u li m'għandux jinqabeż għal darbha jintlaħaq;
6. "valur mira" għandha tfisser livell iffissat bil-għan li jiġu evitati aktar effetti ta' ħsara fuq medda twila fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew fuq l-ambjent kollu kemm hu, li għandu jintlaħaq fejn ikun possibbli matul ċertu żmien;
7. "għatba ta'twissija" għandha tfisser livell li lil hinn minnu jkun hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem meta jiġi espost għalih għal żmien qasir u li għalih passi immedjati għandhom jittieħdu mill-Istati Membri kif stabbilit f'din id-Direttiva;
8. "marġini ta' tolleranza" għandha tfisser il-perċentwal tal-valur limitu li bih dan il-valur jista' jinqabeż soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva
9. "żona" għandha tfisser parti mit-territorju tagħhom delimitata mill-Istati Membri;
10. "agglomerazzjoni" għandha tfisser żona b'konċentrazzjoni ta' popolazzjoni iżjed minn 250 000 abitant jew, fejn il-konċentrazzjoni tal-popolazzjoni tkun ta' 250 000 abitant jew anqas, densità tal-popolazzjoni kull km kwadru li għall-Istati Membri tiġi ġustifika l-bżonn li l-kwalità ta' l-arja ċirkostanti tiġi stmata u mmaniġġata.

Artikolu 3

Implimentazzjoni u responsabbiltajiet

Għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinnominaw fil-livelli approprijati l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi responsabbli għal:

▼B

- l-implimentazzjoni tad-Direttiva,
- l-istima tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti,
- l-approvazzjoni ta' l-apparati tal-kejl (metodi, tagħmir, sistemi, laboratorji),
- l-assigurazzjoni fl-eżattezza tal-kejl permezz ta' apparati tat-tikjil u l-verifika li l-eżattezza ta' dawk l-apparati qed tinżamm, b'mod partikolari permezz ta' kontrolli interni fuq il-kwalità li jsiru b'konformità, inter alia, mal-ħtiġiet ta' l-*standards* Ewropej dwar l-assigurazzjoni fil-kwalità
- l-analiżi ta' metodi ta' stima,
- il-koordinazzjoni fit-territorju tagħhom ta' programmi li jsiru fil-Komunità kollha rigward l-assigurazzjoni tal-kwalità organizzati mill-Kummissjoni.

Meta jagħtuha lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom ipoġġu l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subpaagrafu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku

Artikolu 4

L-iffissar tal-valuri limiti u ta' l-għetiebi tat-twissija għall-arja ċirkostanti

1. Għal dawk l-inkwinanti elenkati fl-Anness I, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Kunsill proposti għall-iffissar tal-valuri limiti u, kif approprjat, l-għetiebi tat-twissija skond din is-sekwenza:

- mhux aktar tard mill-31 Diċembru 1996 għal inkwinanti mill-1 sa 5,
- b'konformità ma' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/72/KEE għall -ożonu,
- mhux aktar tard mill-31 Diċembru 1997 għall-inkwinanti 7 u 8,
- mill-aktar fis, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1999, għall-inkwinanti minn 9 sa 13.

Fl-iffissar tal-valuri limiti u, kif approprjat, fl-għetiebi ta' twissija, għandhom jitqiesu, bħala eżempju, il-fatturi stabbiliti fl-Anness II.

Fil-każ ta' l-ożonu, dawn il-proposti għandhom iqisu l-mekkaniżmi tal-formazzjon speċifika ta' dan l-inkwinant u, għal dan l-iskop, jistgħu isiru dispożizzjonijiet għall-valuri mira u/jew għall-valuri limiti.

Jekk valur mira ffissat għall-ożonu jinqabeż, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li ttieħdu biex jintlaħaq dak il-valur Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni l-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri addizzjonali jkunux meħtieġa fl-ivell Komunitarju u, jekk il-bżonn jinħass, din għandha tressaq proposti lill-Kunsill.

Għal inkwinanti oħra, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Kunsill proposti għall-iffissar tal-valuri limiti u, kif approprjat, l-għetiebi tat-twissija jekk, fuq il-bażi tal-progress xjentifiku u waqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Anness III, ikun jidher meħtieġ li jiġu evitati, prevenuti jew imnaqqsa l-effetti ta' ħsara ta' inkwinanti bħal dawn fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew fuq l-ambjent kollu kemm hu fil-Komunità.

2. Il-Kummissjoni sa tkun responsabbli, waqt li tqis id-*data* tar-riċerka xjentifika l-aktar reċenti fl-oqsma epidemioloġiċi u ambjentali konċernati u l-avvanzi l-aktar reċenti fil-metroloġija biex jiġu eżaminati mill-ġdid l-elementi li fuqhom il-valuri limiti u l-għetiebi tat-twissija msemmija fil-paragrafu 1 jkunu bbażati.

3. Meta l-valuri limiti u l-għetiebi ta' twissija jiġu ffissati, sa jiġu stabbiliti kriterji u tekniki għal:

- (a) il-kejl li għandu jintuża għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni msemmija fil-paragrafu 1:
 - fejn jitqiegħdu l-punti għat-teħid tal-kampjuni,,
 - l-għadd minimu ta' punti tat-teħid tal-kampjuni,
 - il-kejl tar-referenzi u t-tekniki tat-teħid tal-kampjuni;
- (b) l-użu ta' tekniki oħra biex issir stima tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti, partikolarment l-immudellar:

▼B

- ir-riżoluzzjoni ta' l-ispazju għall-immodellar u l-metodi ta' stima oġġettiva,
- it-tekniki ta' l-immodellar għar-referenzi.

Dawn il-kriterji u t-tekniki għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward ta' kull inkwinant skond il-qies ta' l-agglomerazzjonijiet jew tal-livelli ta' l-inkwinanti fiż-żoni eżaminati.

4. Biex jitqiesu l-livelli attwali ta' ċertu inkwinant meta jkunu jiġu ssettjati l-valuri limiti u ż-żmien meħtieġ biex jiġu implimentati l-miżuri għat-titjib tal-kwalita ta' l-arja ċirkostanti, il-Kunsill jista' wkoll jissettja marġini temporanju ta' tolleranza għal-valur limiti.

Dan il-marġini għandu jitnaqqas skond il-proċeduri li għandhom jiġu definiti għal kull inkwinant biex jintlaħaq il-livell tal-valur limitu mhux aktar tard mit-tmiem tal-perjodu li għandu jiġi stabbilit għal kull inkwinant meta l-valur jiġi ssettjat.

5. B'konformità mat-Trattat, il-Kunsill għandu jadotta l-leġislazzjoni prevista fil-paragrafu 1 u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4.

6. Meta Stat Membru jagħmel miżuri aktar iebsa minn dawk stabbiliti fid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni dwarhom.

7. Meta Stat Membru jkollu l-ħsieb li jistabbilixxi valuri limitu jew għetiebi tat-twissija għal inkwinanti mhux imsemmija fl-Anness I u mhux koperti mid-dispożizzjonijiet Komunitarji rigward il-kwalità ta' l-arja ċirkostanti fil-Komunità, dan għandu jinforma l-Kummissjoni dwarhom kmieni kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni għandha tkun obbligatiforni, kmieni kemm jista' jkun, risposta għad-domanda dwar il-ħtieġa li wieħed jaġixxi f'livell Komunitarju skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness III.

Artikolu 5

Stima preliminari ta' l-arja ċirkostanti

L-Istati Membri li m'għandhomx qisien rappreżentattivi tal-livelli ta' l-inkwinanti għaż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha għandhom jidħlu għal sensiliet ta' qisien, sħarriġ jew stimi rappreżentattivi biex id-*data* tkun disponibbli fil-waqt għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1),

Artikolu 6

Stima tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti

1. Darba l-valuri limiti u l-għetiebi ta' twissija jkunu ġew issettjati, il-kwalità ta' l-arja ċirkostanti għandha tiġi stmata fit-territorju kollu ta' l-Istati Membri, b'konformità ma'dan l-Artikolu.

2. B'konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 4(3), u fir-rigward ta' l-inkwinanti rilevanti taħt l-Artikolu 4(3), il-kejl huwa mandatorju fiż-żoni l ġejjin:

- agglomerazzjonijiet kif definiti fl-Artikolu 2 (10),
- żoni li fihom il-livelli jkunu bejn il-valuri limiti u l-livelli previsti fil-paragrafu 3, u
- żoni oħra fejn il-livelli jiskorru l-valuri limiti.

Il-miżuri previsti jistgħu jiġu supplimentati minn tekniki ta' l-immodellar biex jipprovdu livell adegwat ta' informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-arja ċirkostanti.

3. Taħlita ta' kejl u tekniki ta' l-immodellar tista' tintuża biex tistma l-arja ċirkostanti meta l-livelli matul perjodu rappreżentattiv ikunu aktar baxxi mill-valur limiti, li għandu jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(5).

4. Meta l-livelli jkunu taħt il-livell li għandu jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(5), l-użu uniku tat-tekniki ta' l-immodellar jew ta' stima oġġettiva biex jiġu stmati l-livelli għandha tkun

▼B

possibli. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tgħodd għal agglomerazzjonijiet fil-każ ta' inkwinanti li għalihom għetiebi ta' twissija jkunu ġew iffissati skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(5).

5. Meta l-inkwinanti jkun meħtieġ li jitkejlu, il-qisien għandhom jittieħdu f'siti fissi jew kontinwament jew permezz ta' teħid ta' kampjuni għal għarrieda; l-għadd ta' qisien għandu jkun kbir biżżejjed biex ikun possibli li l-livelli osservati jiġu stabbiliti.

*Artikolu 7***Titjib fil-kwalità ta' l-arja ċirkostanti Rekwiżiti ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel it-18 ta' Settembru 1992.

2. Miżuri meħuda biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom:

- (a) iqisu approċ integrat għall-protezzjoni ta' l-arja, l-ima u l-ħamrija;
- (b) ma jiksrux il-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;
- (ċ) ma jkollhomx effetti ħżiena b'mod sinifikanti fuq l-ambjent fl-Istati membri l-oħra.

3. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjani għall-azzjoni li jindikaw il-miżuri li sa jittieħdu fuq medda qasira meta jkun hemm riskju li l-għetiebi limitu u/jew ta' twissija jkunu sa jinqabżu, biex jitnaqqas dak ir-riskju u biex jiġi limitat it-tul ta' żmien ta' dik l-okkorrenza. Dawn il-pjani jistgħu, filwaqt li jiddependi fuq il-każi individwali, jipprovdu għal miżuri biex jikkontrollaw, u fejn ikun meħtieġ, jissospendu attivitajiet, inkluż it-traffiku tal-vetturi bil-mutur, li jikkontribwixxu biex il-valuri limitu jinqabżu.

*Artikolu 8***Miżuri applikabbli f'żoni fejn il-livelli jkunu ogħla mill-valur limitu**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' inkwinant wieħed jew aktar minn wieħed ikunu ogħla mill-valur limitu miżjud bil-marġini tat-tolleranza.

Meta ebda marġini ta' tolleranza ma jkun ġie ffissat għal inkwinant, żoni jew agglomerazzjonijiet speċifiċi li fihom il-livell ta' l-inkwinant jeċċedi l-valur limitu għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħaż-żoni u l-agglomerazzjonijiet l-oħra msemmija fl-ewwel subparagrafu, u l-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom jgħoddu għalihom.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' inkwinant wieħed jew aktar minn wieħed ikunu ogħla mill-valur limitu miżjud bil-marġini tat-tolleranza.

3. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li pjan jew programm jitħejja jew jiġi implimentant biex jintlaħaq il-valur limitu fil-limitu ta' żmien speċifikat.

Il-pjan jew il-programm imsemmi, li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, għandu jħaddan fih tal-anqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness IV.

4. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, meta l-livell ta' iżjed minn inkwinant wieħed ikun ogħla mill-valur limitu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu pjan integrat li jkopri l-inkwinanti kollha konċernati.

5. Il-Kummissjoni għandha tiċċekkja regolarment l-implimentazzjoni tal-pjani jew il-programmi mressqa taħt il-paragrafu 3 billi teżamina l-progress tagħhom u t-tendenzi fl-inkwinament ta' l-arja.

6. Meta l-livell ta' l-inkwinant jiskorri, jew aktarx ikun sa jiskorri, il-valur limitu biż-żieda tal-marġini tat-tolleranza jew, kif jista' jkun il-każ, il-limitu tat-twissija, wara tniġġis qawwi li jkun ġej minn Stat Membru

▼B

ieħor, l-Istati Membri l-oħra għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jsibu soluzzjoni. Il-Kummissjoni tista tkun preżenti għal dawn il-konsultazzjonijiet

*Artikolu 9***Rekwiżiti f'żoni fejn il-livelli jkunu aktar baxxi mill-valur limitu**

L-Istati Membri għandhom jaġmlu lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' l-inkwinanti jkunu taħt il-valuri limitu.

L-Istati Membri għandhom iżommu l-livelli ta' l-inkwinanti f'dawn iż-żoni u l-agglomerazzjonijiet taħt il-valuri limitu u għandhom jistinkaw biex iħarsu l-aħjar kwalita t'arja ċirkostanti kompatibbli ma żvilupp sostenibbli;

*Artikolu 10***Miżuri applikabbli fil-każ li l-għetiebi tat-twissija jinqabżu.**

Meta l-għetiebi tat-twissija jinqabżu, l-Istati Membri għandhom jindaħlu biex jiżguraw li l-passi meħtieġa jittieħdu biex jinformat lill-pubbliku (p.e. permezz tar-radjo, it-televiżjoni jew il-ġurnali) L-Istati Membri għandhom ukoll jibagħtu lill-Kummissjoni fuq bażi proviżorja informazzjoni rigward il-livelli rreġistrati u kemm dam(u) l-episodju(i) tat-tniġġis mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-okkorrenza. Lista bid-dettalji minimi li għandhom jingħataw lill-pubbliku għandha ssir flimkien ma' l-għetiebi tat-twissija.

*Artikolu 11***It-trasmissjoni ta' l-informazzjoni u tar-rapporti**

Wara li tiġi adottata mill-Kunsill l-ewwel proposta msemmija fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(1):

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti, il-laboratorji u l-korpi msemmija fl-Artikolu 3 u
 - (a) fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 8(1) għandhom:
 - (i) jinformat lill-Kummissjoni dwar l-okkorrenza tal-livelli li jaqabżu l-valur limitu miżjud mal-marġini tat-tolleranza, dwar id-dati jew il-perjodi meta dawn il-livelli jkunu ġew osservati u l-valuri rreġistrati fil-perjodu ta' disa' xhur wara t-tmiem ta' kull sena.

Meta ebda marġini ta' tolleranza ma jkun ġie ffissat għal ċertu inkwinant, iż-żona jew l-agglomerazzjonijiet speċifiċi li fihom il-livell ta' l-inkwinant jeċċedi l-valur limitu għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħaż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu.
 - (ii) jinformat lill-Kummissjoni dwar ir-raġunijiet għal kull każ irreġistrat, fil-perjodu ta' disa' xhur wara t-tmiem ta' kull sena;
 - (iii) jibagħtu lill-Kummissjoni l-pjani u l-programmi msemmija fl-Artikolu 8(3) mhux aktar tard minn sentejn wara t-tmiem tas-sena li fiha l-livelli jkunu ġew osservati;
 - (iv) jinformat lill-Kummissjoni kull tliet snin dwar il-progress tal-pjan jew il-programm;
 - (b) jibagħtu lill-Kummissjoni kull sena, u mhux aktar tard minn disa' xhur wara t-tmiem ta' kull sena, il-lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(1) u (2) u fl-Artikolu 9;
 - (c) għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni ta' kull tliet snin fl-istruttura tar-rapport settorali msemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 Diċembru 1991 li tistandardizza u tirrazzjonalizza r-rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent ⁽¹⁾, u mhux aktar tard minn disa' xhur wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' tliet snin, infor-

(1) ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.

▼B

mazzjoni li tivvaluta mill-ġdid il-livelli osservati u stmati, kif approprjat, fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmja fl-Artikolu 8 u fl-Artikolu 9;

- (d) għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar u il-metodi użati għall-istima preliminari tal-kwalità ta' l-arja kif previst fl-Artikolu 5.
2. il-Kummissjoni għandha tippubblika:
- (a) ta' kull sena, lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(1);
- (b) kull tliet snin, rapport dwar il-kwalità ta' l-arja ċirkostanti fil-Komunità. Dan ir-rapport għandu juri f'għamla sommarja l-informazzjoni miksuba permezz tal-mekkaniżmu għall-iskambju ta' l-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.
3. il-Kummissjoni għandha tikkonsulta meta jkun meħtieġ il-kapaċità li teżisti fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent biex tfassal ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2(b).

▼M1

*Artikolu 12***Il-Kumitat u l-funzjonijiet tiegħu**

1. L-emendi meħtieġa għall-adattazzjoni tal-kriterja u t-teknika referuti fl-Artikolu 4(2) għall-progress xjentifiku u tekniku, u ta' l-arranġamenti dettaljati għat-twassil ta' l-informazzjoni li għandhom ikunu ipprovduti permezz ta' l-Artikolu 11, u tad-doveri l-oħrajn speċifikati fid-disposizzjonijiet referuti fl-Artikolu 4(3), għandhom ikunu adottati b'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Tali adattazzjonijiet m'għandhomx jaffettwaw il-modifika tal-valuri ta' limitu jew ta' l-għatbiet tat-twissija, la direttament u anqas inderettament.
2. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjunha minn kumitat.
3. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ⁽¹⁾ għandhom ikunu applikabbli, wara li jkunu meqjusa d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

▼B

Artikolu 13

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn 18-il xahar minn wara li din tidħol fis-seħħ fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Artikoli min 1 sa 4 u 12 and l-Anness I, II, III u IV, u mhux aktar tard mid-data li fiha d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(5) jibdwew jgħoddu, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' l-Artikoli l-oħra.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewliena tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri ta' l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

▼**B**

Artikolu 14

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 15

Din id-Direttiva qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.



L-ANNESS I

**LISTA TA' L-INKWINANTI ATMOSFERIĊI LI GĦANDHOM JITQIESU
FL-ISTIMA U L-IMMANIĠĠAR TAL-KWALITÀ TA' L-ARJA ĊIRKOS-
TANTI**

I. Inkwinanti li għandhom jiġu studjati fl-istadju inizjali, inklużi l-inkwinanti rregolati bid-direttivi eżistenti dwar il-kwalità ta' l-arja ċirkostanti.

1. Dijossidu tal-kubrit
2. Dijossidu tan-nitroġenu
3. Partikoli rqaq ta' materja bħan-nugrufun (inkluż 120 mw)
4. Partikoli ta' materja sospiża
5. Ċomb
6. Ożonu

II. Inkwinanti oħra ta' l-arja

7. Benżina
8. Monossidu tal-karbonju
9. Poly-aromatic hydrocarbons
10. Kadmju
11. Arseniku
12. Nikil
13. Merkurju

*L-ANNEX II***FATTURI LI GĦANDHOM JITQIESU META JIĠU FFISSATI L-VALURI
LIMITU U L-GĦETIEBI TA' TWISSIJA**

Meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-valur limitu u, kif approprijat, l-għatba ta' twissija, il-fatturi li ġejjin għandhom, bħala eżempju, jitqiesu:

- safejn ikunu esposti setturi mill-popolazzjoni, u b'mod partikolari sub-gruppi sensitivi,
- il-kondizzjonijiet klimatiċi,
- is-sensittività tal-flora l-fauna u fejn dawn jgħixu,
- il-wirt storiku espost għal inkwinanti,
- il-fattibilità ekonomika u teknika,
- it-trasmissjoni minn distanzi twal ta' inkwinanti, fosthom l-inkwinanti sekondarji, inkluż l-ożonu.



L-ANNEX III

**LINJI GWIDA GĦALL-GĦAŻLA TA' INKWINANTI TA' L-ARJA BIEX
JIĠU EŻAMINATI**

1. Il-possibiltà, is-severità u l-frekwenza ta' l-effetti; fir-rigward tas-saħħa umana u l-ambjent kollu kemm hu, l-effetti irreversibbli għandhom ikunu ta' tħassib speċjali.
2. L-ubikwità u l-konċentrazzjoni għolja ta' l-inkwinant fl-atmosfera.
3. It-tibdil ambjentali u l-kambjamenti metaboliċi, billi dawn il-kambjamenti jistgħu jwasslu għall-produzzjoni ta' kimiċi b'tossiċità għolja.
4. Il-persistenza fl-ambjent, partikolarment jekk l-inkwinant ma jkunx bijodegradabbli u jkun jista' jakkumula fil-bnedmin, fl-ambjent jew fis-sensieliet ta' l-ikel.
5. L-impatt ta' l-inkwinant:
 - id-daqs tal-popolazzjoni, ir-riżorsi haġġin, u l-ekosistemi esposti,
 - l-eżistenza ta'bersalli partikolarment sensitivi fiż-żona konċernata..
6. Metodi għall-valutazzjoni tar-riskju jistgħu jintużaw ukoll.

Il-kriterji tal-periklu rilevanti taħt id-Direttiva 67/548/KEE (1) u l-adattazzjonijiet suċċessivi tagħhom għandhom jitqiesu fl-għażla ta' l-inkwinanti. (1)

(1) ĠU L 196, tat-30.8.1967, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/632/KEE (ĠU L 338, tal-31.12.1991, p. 23).



L-ANNEX IV

**INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FIL-PROGRAMMI
LOKALI, REĠJONALI U NAZZJONALI FAVUR TITJIB FIL-KWALITÀ
TA' L-ARJA ĊIRKOSTANTI**

Informazzjoni li għandha tiġi provduta taħt l-Artikolu 8(3)

1. *Il-lokalizzazzjoni tat-tniġġis żejjed*
 - reġjun
 - belt (mappa)
 - l-istazzjoni tat-tikjil (mappa, koordinati ġeografiċi).
2. *Informazzjoni ġenerali*
 - tip ta' żona (belt, żona industrijali jew rurali)
 - stima taż-żona mniġġsa (Km²) u l-popolazzjoni esposta għat-tniġġis
 - *data* meħtieġa dwar il-klima
 - *data* rilevanti dwar it-topografija
 - informazzjoni suffiċjenti rigward it-tip ta' bersalli li jeħtieġu l-protezzjoni fiż-żona.
3. *L-awtoritajiet responsabbli*

L-ismijiet u l-inidirizzi tal-persuni responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjani għat-titjib
4. *In-naura u l-valutazzjoni tat-tniġġis*
 - il-konċentrazzjonijiet osservati matul is-snin preċedenti (qabel l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' titjib)
 - konċentrazzjonijiet imkejla mill-bidu tal-proġett
 - tekniki użati għall-valutazzjoni.
5. *Oriġini tat-tniġġis*
 - lista tas-sorsi prinċipali ta' l-emissjoni responsabbli għat-tniġġis (mappa)
 - it-total tal-kwantità ta' l-emissjonijiet minn dawn is-sorsi (tunnellati metriċi/sena)
 - informazzjoni dwar tniġġis importat minn reġjuni oħra.
6. *Analiżi tas-sitwazzjoni*
 - dettalji ta' dawk il-fatturi responsabbli għall-eċċess (trasport, inkluż it-trasport trans-konfinanti, formazzjoni)
 - dettalji dwar il-miżuri possibbli għat-titjib tfil-kwalità ta' l-arja.
7. *Dettalji dwar dawk il-miżuri jew il-proġetti għal titjib li eżistew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva i.e.*
 - miżuri lokali, reġjonali, nazzjonali, internazzjonali
 - effetti osservati ta' dawn il-miżuri.
8. *Dettalji ta' dawk il-miżuri jew il-proġetti adottati bl-iskop li jnaqqsu t-tniġġis wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*
 - elenkar u deskrizzjoni tal-miżuri kollha deskritti fil-proġett
 - skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni
 - kalkolu tat-titjib fil-kwalità ta' l-arja ppjanat u taż-żmien li wieħed jistenna li jkun meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.
9. *Dettalji dwar il-miżuri u l-proġetti ppjanati jew li qegħdin jiġu riċerkati fuq medda twila.*
10. *Lista tal-pubblikazzjonijiet, dokumenti, ħidma, eċċ, użati biex iżidu l-informazzjoni mitluba f'dan l-Anness.*